Minuti tal-64 (erbgħa u sittin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Marzu 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.40p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Joseph Farrugia

Skużat: Is-Sur Victor Cefai

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 62, li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Frar 2012 u tal-Laqgħa t'Urġenza numru 63, li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħalha moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2012. Is-sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €1,300 biex ikun jista' jorganizza kors tal-*Aerobics*, kors tal-*Pilates*, Festa Tfal u *Sports Fest* u *Fun Day* fix-Xlendi. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa biex niltaqgħu mal-Kunsill Lokali tal-Munxar u mal-Kumitat Amminstrattiv tax-Xlendi biex huma joħorġu sehemhom u norganizzaw il-*Fun Day* fix-Xlendi. Qal ukoll li hu lest li jifforma parti mill-Kumitat Organizattiv.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.1.2 Memo 11/2012: Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali 10 ta' Marzu 2012 l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Lokalitajiet li għandhom l-elezzjoni għandu jinżamm magħluq.

3.1.3 Memo 12/2012: Mistoqsija Parlamentari 32930 dwar tindif tal-bajjiet u xtut f'dawn l-aħħar ħames snin. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li hu wieġeb li l-Kunsill m'għandux bajjiet/xtut fil-konfini tiegħu.

3.1.4 Memo 13/2012: Ringrazzjament Tas-Servizzi Li Tajtu Lill-Kommunità.

3.1.5 Memo 14/2012: Iċ-Ċerimonja Tal-Ġurament Tal-Ħatra - Programm

3.1.6 Memo 15/2012: Laqgħa ta' Konsultazzjoni organizzata mill-MEUSAC dwar il-*White Paper* fuq il-Prevenzjoni, Tnaqqis u Kontroll tal-Ħsejjes.

## 3.2 <u>Korrispondenza</u>

3.2.1 Inserv (Green MT) li tawna l-boroż il-griżi *biodegradable* li ġew imqassma lil kull residenza fil-lokalità u baqa' wkoll biex jerġgħu jitqassmu għal darb'oħra. Is-Sindku rrimarka li l-kuntratt wasal biex jintemm u għalhekk niktbulhom biex jagħtuna it-€30 kull ġimgħa ta' l-aħħar sitt xhur u €500 kull darba għal żewġ attivitajiet kulturali li saru fl-2010 u 2011.

3.2.2 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinforma li għadda fil-kont tal-Kunsill it-tieni *tranche* tal-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012 u li minnu tnaqqas l-ammont ta' €332.96 bħala penali talli l-Kunsill kien naqas li jirrispondi għall-Mistoqsija Parlamentari Nru 28711, datata 7 ta' Ottubru 2011.

3.2.3 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinforma bil-multi li tnaqqsu mit-*tranches* tal-Allokazzjoni Finanzjarja 2011: mill-ewwel *tranche* tnaqqas l-ammont ta' €120 għall-Wi-Fi; mit-tielet *tranche* tnaqqsu €325.78, penali minħabba nuqqas ta' tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari nru. 24317, li fil-minuti tas-16 ta' Frar kien tniżżel li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informa li dawn kienu dovuti lill-*Malta Independent* għar-reklami; u mir-raba' *tranche* tnaqqsu €638.53, penali għad-dewmien fis-sottomissjoni tar-Rapport tal-Awdituri.

3.2.4 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinforma li l-Kunsill ingħata it-tieni *tranche* tal-allokazzjoni finanzjarja 2012 u li minnu tnaqqsu l-ammont ta' €120 għall-Wi-Fi.

3.2.5 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali – PQ 33096: Servizz Ċivili u s-Settur Pubbliku – Ħaddiem mal-Kunsilli Lokali fuq Kuntratt Definit. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li hu wieġeb li l-Kunsill m'għandux ħaddiema b'kuntratt definit.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.6 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali – PQ 33286: Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari - Informazzjoni dwar l-Impjegati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li hu wieġeb li l-Kunsill ma ħareġ ebda applikazzjoni għall-impjieg fis-sena 2011.

3.2.7 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Written Question 539 rigward bozoz maħruq fi Sqaq il-Lunzjata. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri illi minn parir li ingħata minn Cleavon Vella, Assistent Direttur, Dipartiment tal-Gvern Lokali, peress li s-Sqaq huwa propjeta privata, ir-risposta għandha tkun l-istess bħar-risposta li kienet ingħatat fis-sena 2011 meta kien hemm il-Mistoqsija dwar ħmieġ fl-istess Sqaq. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap stqarr li hu mhux ser imur kontra l-parir tad-Dipartiment iżda jekk hemm kwistjoni ta' qorti, jekk jidħol il-Gvern, isir tal-Gvern. Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg u l-Kunsillier is-Sur Horace Micallef staqsew min kien waħħal il-bozza u ta' min hi l-bozza u jekk ġiet imwaħħla mill-Gvern, min hu responsabbli minnha. Is-Sur Micallef qal ukoll li jekk kemm il-darba dawn huma tal-Kunsill, aħna rridu nibdluhom. Għalhekk ġie deċiż li nitolbu bil-miktub mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

3.2.8 Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tinforma li l-*Valletta 2018 Foundation* qed jitolbu informazzjoni dwar x'proġetti kulturali hemm ippjanati li jsiru sal-2018, f'liema stadju qegħdin. Id-data stipulata kienet 30 ta' Marzu 2012. Is-Sindku qal li f'perjodu qasir ma tistax tippjana u tressaq proġetti fi żmien inqas minn ġimgħa. Is-Sindku qal ukoll li hu kellem lill-Kappillan u nfurmah li l-MEPA ħarġet skema ta' restawr ta' bini u ser tingħata għajnuna sa massimu ta' €5,000 mill-Urban Conservation Area jew Bini Skjedat, biex dan jara jekk hux interessat japplika għar-restawr tal-knisja, partikularment tal-kampnar.

3.2.9 Email mingħand Isabella Camilleri Caruana, Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titlob informazzjoni dwar l-istadju li wasslu fihom l-iskedi li kienu ġew allokati lill-Kunsill.

3.2.10 Email mingħand Adrian Mifsud, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-*Appraisal Reports u Performance Bonuses*. Il-Kunsill kien staqsa jekk jistax jimla' l-*Appraisal Report* tas-Sur Karl Vella meta għad baqa' xi affarijiet li għadhom pendenti. Id-Dipartiment wieġeb li għandna mmexxu bir-rapport u nforma wkoll li s-Sur Joe Xiberras kien intitulat għal *Performance Bonus* tax-xahrejn li dam jaħdem fil-Kunsill. Is-Sindku nnota li din kienet deċiżjoni differenti minn kif kien qal qabel id-Dipartiment dwar is-Sur Joe Xiberras.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.11 Email mingħand Maria Zammit, Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-istadju tal-proċess għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju wieġeb li s-sejħa ser toħroġ il-ġimgħa d-dieħla.

3.2.12 Ittra mingħand Joseph R. Micallef, Assistent Direttur, Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinforma li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien intitulat għall-*Qualification Allowance* għal Degree fil-Masters fil-European Studies.

3.2.13 OPM Circular No 12/2012 – *Filling of Headship Positions.*

3.2.14 Ittra mingħand is-Segretarjat Privat tal-Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari biex jinfurmaw li l-Ministru rċieva l-ittra li ntbagħtitlu nhar l-20 ta' Marzu 2012.

3.2.15 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Rapport tal-Laqgħa li l-Kumitat Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali kellu mal-Hon. Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Intern u l-Affarijiet Parlamentari.

3.2.16 Ministru għat-Turiżmu, l-Kultura u l-Ambjent: LIFE+ 2012 Sejħa għall-Applikazzjoni.

3.2.17 MEUSAC – Sezzjoni Informattiva rigward il-*Youth in Action Programme*.

3.2.18 Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirkulari 13/2012: Funeral Statali tal-President Emeritus Dott. Censu Tabone.

3.2.19 BOV – il-Garanzija Bankarja għad-dokument tal-Offerta FONQ07/2011 ta' Gatt Tarmac Ltd. għal *resurfacing* ta' żewġ toroq fil-Fontana ġiet imġedda sat-30 t'April 2012.

3.2.20 Ittra minn ta' Gatt Tarmac Ltd. rigward il-kjarifika li ntalab għall-Offerta FONT04/2010: Patching with Hot Asphalt in Various Streets of Fontana. Il-kuntrattur wieġeb li hu mpossibbli li jagħmel ix-xogħol bil-*hot asphalt* meta l-kwotazzjoni kienet fuq *cold asphalt*, iżda b'rieda tajba lest li jagħmel ix-xogħol skond il-prezzijiet li hemm fil-BOQ. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa illi minħabba din l-ambigwita fir-risposta kellem lis-Sur Raymond Gatt ta' Gatt Tarmac Ltd. u dan wieġeb li lest li jagħmel ix-xogħol skond il-prezzijiet li hemm fil-BOQ iżda jagħmel inqas xogħol. Ġie rrimarkat ukoll li l-Garanzija għalqet nhar is-6 ta' Diċembru 2011. Reġa' sar qbil unanimu li x-xogħol għandu jkun bil-*hot asphalt* u għalhekk għandna niċċekkjaw jekk il-garanzija u l-Kuntratt għadhomx validi fil-kas toħroġ sejħa oħra għall-Offerti.

3.2.21 Gatt Tarmac Ltd. – risposta lill-Kunsill biex inaqqas l-istima tiegħu mill-Offerta ta' *Resurfacing of Streets with Hot Rolled Asphalt in Fontana*. Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li din ġiet mgħoddija lil Perit Anġelo Portelli għall-aġġudikazzjoni tiegħu. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li jeħtieġ li tintbagħat ittra lil Ministru għall-Intern u l-Affarijiet Parlamentari rigward kemm ser tkun l-għajnuna ta' fondi lill-Kunsill biex isiru dawn it-toroq bit-tarmac, għax jekk il-Kunsill ma jingħata ebda għajnuna, dawn it-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

toroq ma jistgħux isiru. Dan peress li fil-bidu l-Kunsill kien ser jingħata madwar €46,000 minn l-għajnuna ta' fondi taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* iżda minn informazzjoni li kiseb l-Aġent Segretarju Eżekuttiv mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-*commitment* tad-Dipartiment mal-Kunsill mill-istess skema hi ta' €27,000. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qal ukoll li għandna niktbu lill-Ministru għal Għawdex għala waqaf ix-xogħol tal-culvert fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sur Tony Borg, Viċi-Sindku qal li l-*culvert* fi Triq l-Isptar San Ġiljan ser jitkompla mill-Ministeru għal Għawdex. Qal ukoll li ser ikellem lill-Ministru għal Għawdex biex Triq l-Isptar San Ġiljan issir mill-Ministeru għal Għawdex.

3.2.22 Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern biex jinfurmaw li rċivew l-ittra tal-A/Segretarju Eżekuttiv tat-8 ta' Marzu 2012 rigward Devoluzzjoni ta' Siti fi Pjazza l-Għejjun fil-Fontana u li għaddewha lill-uffiċċjal responsabbli.

3.2.23 Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern biex jinfurmaw li rċivew l-ittra tal-A/Segretarju Eżekuttiv tal-15 ta' Marzu 2012 rigward Xogħolijiet fuq ix-Xelter ta' Pjazza l-Għejjun / Trejqet ix-Xagħri u li għaddewha lill-uffiċċjal responsabbli.

3.2.24 Transport Malta – biex jinfurmaw li rċivew l-ittra tal-A/Segretarju Eżekuttiv tal-15 ta' Marzu 2012 rigward Sinjal ta' *Stop Sign* fi Triq Grezzja Grima, Fontana.

3.2.25 Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward email mingħand Jessica Zammit mill-*European Union Programmes Agency* fuq il-*European Citizenship in Youth Work Training Course, Croatia*.

3.2.26 MEUSAC – *Funding Opportunity for Local Councils Med Programme*.

3.2.27 Patrick Zammit Haber – *Permanent Water Activated Road Repair*.

3.2.28 Mario Cordina ta' 'smc signs' – stima għat-tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fil-pubbliku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ġew ordnati żewġ tabelli (A2) 60x40 għall-valur ta' €28 il-waħda.

3.2.29 Gozo University Group – Konferenza rigward 'L-Istudent Għawdxi u l-Futur Tiegħu'.

3.2.30 Kunsill Lokali Qrendi – Ħruġ ta' Default Notices

3.2.31 Kunsill Lokali Gudja – Ħruġ ta' Default Notices

3.2.32 Celia Pace li tgħix l-Awstralja li talbet l-għajnuna tal-Membri tal-Kunsill rigward ktieb li qed tikteb dwar nannuha li twieled il-Fontana u emigra lejn l-Awstralja fl-1916. Is-Sindku qal li kien ser jurija l-postijiet imsemmija fl-email.

3.2.33 MaltaPost – reklam ta' *door to door delivery service*.

3.2.34 Sam Cefai – informazzjoni dwar proġetti mill-fondi tal-Unjoni Ewropea.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.35 Anton Zarb – Kwotazzjoni għall-*bike stand*. Il-Viċi-Sindu s-Sur Tony Borg ippropona biex nordnaw stand Item No. Bcy, 125cm long x 75cm high, galvanised, powder coated u ssir fid-daħla tal-*Playing Field*. Il-Membri tal-Kunsill qablu.

3.2.36 MEPA rigward il-konsultazzjoni pubblika fuq l-abbozz tan-*National Biodiversity Strategy and Action Plan (NBSAP)*.

3.2.37 MEPA – *formation of exit on Trejqet ix-Xagħri for underground shelter*.

3.2.38 Dipartiment tal-Artijiet tal-Gvern – Korrispondenza datata 25 ta' Marzu 2011, bejn id-Dipartiment tal-Aritjiet u l-Kunsill rigward il-*lease agreement* tas-*Site off Triq tal-Għajn, Fontana* li t-talba għandha ssir permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3.3 <u>Ilmenti</u>

3.2.1 Ilment minn Emanuel Schembri ta' 'Schembri Hse.' Fontana fejn qed jilmenta dwar l-għoli tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku fejn kważi mkien ma' ssib bini msaqqaf fuq 12-il filata ta' ġebla u għalhekk qed jistaqsi għaliex il-bini ma jsirx fuq 11-il filata biex ikun hemm spazju biżżejjed biex dan ikun l-istess livell taz-zuntier tal-Knisja u mhux isir bħal qabel u jiġi filata għola. Is-Sindku qal li dan l-ilment għaddejnieh lill-perit, minkejja li mill-bidu kien maħsub li jiġi l-istess livell taz-zuntier.

3.3.2 Ilment minn Laura Frendo ta' 'Id-Dar', Triq il-Qalb ta' Ġesù, Fontana fejn qed tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li minn meta twaħħlu l-fanali l-ġodda fi Triq il-Qalb ta' Ġesù inqala' nkonvenjent peress li ħdejn il-bieb tagħha hemm id-dlam peress li d-dawl qed jiġi mgħotti bil-gallarija u qed titlob lill-Kunsill biex tinstab soluzzjoni għal dan l-inkonvenjent. Ġie deċiż li nkellmu lill-Inġinier Mario Galea dwar dan l-ilment u dwar il-fanal ta' Triq l-Isptar San Ġiljan, fil-kantuniera.

3.3.3 Ilment minn Doreen Micallef ta' 'Serenity', Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana fejn qed tilmenta li fil-parti ta' Triq l-Isptar San Ġiljan fejn hemm il-bank u xi qsari qed jintrema ħafna fdalijiet ta' ikel u kawża ta' dan qed ikun hemm ħafna ħmieġ u ġrieden, tant li wieħed ġieli ma jkunx jista' jimxi ma' dik in-naħa ta' triq. Is-Sur Horace Micallef, Kunsillier qal li hemmhekk is-Sur Karl Vella, eks Segretarju Eżekuttiv kien għamel tabella biex ħadd ma jitma' qtates hemmhekk u għalhekk ġie deċiż li tiġi ordnata tabella tal-*perspex*. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li jiġu ordnati numru ta' tabelli li jindikaw biex ħadd ma jarmi żibel. Il-Kunsill qabel.

3.3.4 Ilment minn Maurice Żammit ta' 'Qalb ta' Ġesù', Sqaq ta' fuq il-Lunzjata, Fontana fejn qed jilmenta li fl-istess Sqaq hemm ħafna


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

dlam u jeħtieġ li tinbidel bozza li hi maħruqa. Il-Membri rrimarkaw li din ġa ġiet diskussa qabel u ser nitolbu l-parir tad-Dipartiment.

## 4. *Fontana Fireworks Festival*

4.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa f'Malta mas-Sur Joe Mangion, Segretarju tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal-Lija fejn tqabbad biex jieħu ħsieb isib il-kmamar tan-nar biex jieħdu sehem f'dan il-*festival* u jieħu ħsieb ix-xogħol mill-att pirotekniku u organizzattiv tal-ħruq. Is-Sindku qal li s-Sur Mangion ser ikun qiegħed jagħmel dan ix-xogħol bi ħlas għax bilfors li trid tqabbad lil xi ħadd biex jieħu ħsieb attivita bħal din. Is-Sindku qal li ser jiġi ffirmat kuntratt ma' kull kamra tan-nar li ser tieħu sehem fil-festival fejn fih ser jindikaw ukoll ix-xogħol li ser ikunu qed jipprovdu.

## 5. It-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku

5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li kif kien ġie miftiehem fil-Laqgħa t'Urġenza tas-6 ta' Marzu 2012, tlabna stima biex jitqatta' l-biċċa blat fil-Fond 191 li ma saritx qabel minħabba l-irfid tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kellem lis-Sur Anthony Vella li qed jagħmel ix-xogħol ta' kostruzzjoni qali li hu dak ma jagħmlux dak ix-xogħol u irrikmanda li xi ħadd hu. Għalhekk intalbet stima mingħand erba' kuntratturi differenti u x-xogħol ingħata lis-Sur Paul Caruana, li offra l-irħas stima għall-prezz ta' €210.00. L-offerti l-oħra kienu ta' Anġelo Said €225, ta' Tarcisio Xerri €500 u ta' Emmanuel Mintoff €340. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel unanimament illi għandu joħroġ avviż ta' twissija lill-Kuntrattur minħabba ksur tal-kuntratt u dewmien fix-xogħol.

## 6. Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ser ikunu is-Sur Tony Borg, Viċi-Sindku, is-Sur Victor Cefai, Kunsillier u s-Sur George Cassar bħalha Membri u s-Sinjorina Josephine Borg bħala s-Segretarja tal-Bord. Is-Sindku rrimarka li fil-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kien intqal li s-Sinjorina Josephine Borg tkun Membru tal-Bord u s-Sur George Cassar ikun is-Segretarju. L-Aġent Segretarju qal li l-ġimgħa d-dieħla kien ser imexxi bil-proċess tal-għażla u toħroġ is-sejħa għall-applikazzjoni. L-Aġent Segretarju nforma wkoll illi s-Sur Adrian Mifsud, Head


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

of Training, Human Resources, Administration, and EU & International Affairs offra li jkun Membru fil-Bord mingħajr vot biex jagħti parir f'dak li għandu x'jaqsam ma' *human resources*. Is-Sindku rrimarka li għandna nsegwu l-proċeduri u jaqraw id-direttivi skond Memo 4/2012 rigward Linji Gwida għal Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali, speċjalment il-linja ta' direzzjoni tal-Bord x'ser tkun li trid tiġi deċiża mill-Kunsill, jekk hemmx kunflitt ta' nteress tal-Membri tal-Bord, u anke jekk hemmx kunflitt ta' nteress ta' Kunsillier.

7. **<u>Performance Bonus tal-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella u tal-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras</u>**

7.1 Is-Sur Tony Borg, Viċi-Sindku ppropona li s-Sur Karl Vella jingħata 8%. Is-Sindku elenka numru ta' nuqqasijiet minn tas-Sur Karl Vella fosthom il-fatt li kellu tlett minuti ta' laqgħat li saru fit-12 t'Awwissu, fil-25 ta' Awwissu u fid-29 ta' Settembru 2011 bgħathom lill-Kunsill, b'nofs informazzjoni f'Jannar 2012 u għalhekk hu flimkien mal-Membri tal-Kunsill kellhom jiftakru x'intqal u x'offerti ngħataw biex jemendaw dawn il-minuti; ir-rapporti tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-proġetti Eko-Għawdex ntbagħtu f'Jannar meta l-Kunsill informa lis-Sur Karl Vella li jistgħu jintilfu l-fondi jekk dawn ma jintbagħtux; il-*performance guarantee* tal-kuntrattur Peter Paul Said li ingħata l-kuntratt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku ma kinitx sar minkejja li qabel li ġie ffirmat il-Kuntratt nhar it-23 ta' Awwissu 2011, is-Segretarju kien informa lis-Sindku li din kienet saret; kuntrattur li ġabar l-Offerta għall-Installazzjoni ta' Pannelli Fotovoltajiċi m kienx ħallas id-depożitu ta' €50 meta ġabar id-dokument tal-offerta għad li s-Sur Vella kien qal li din kienet tħallset iżda wara li s-Sindku ċċekkja mal-Bank u mal-Kumpanija rispettiva rriżulta li din ma kinitx tħallset; il-Kunsill is-sena l-oħra weħel is-somma ta' madwar €1,400 f'multi għax is-Segretarju Eżekuttiv naqas milli jirrispondi għal żewġ mistoqsijiet Parlamentari, u naqas ukoll milli jikteb lid-Dipartiment biex jinfurmah li l-Kunsill dam ma bagħat ir-Rapport tal-Awdituri għax kienu l-istess Awdituri li kisru ż-żmien stipulat. Is-Sindku qal lifl-opinjoni tiegħu, is-Sur Karl Vella għandu jingħata *Performance Bonus* ta' 5%, u ma kienx lest li jtih iżjed minn hekk. Huwa qal ukoll li kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni miegħu bħala Sindku.

7.2 Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap qal lis-Sur Karl Vella illi jekk kien hemm xi ħadd fil-Kunsill li lis-Sur Vella fetaħlu għajnejh u mbuttah biex fis-sena 2011 ħa 9% tal-*Performance Bonus* kien hu, is-Sur Apap. Is-Sur Vella ikkonferma dan. Is-Sur Lorry Apap


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

kompla billi qal li ma jimpurtahx jekk is-Sur Vella kienx qiegħed jirrekordjah bil-moħbi, ħaġa li s-Sur Vella ċaħad. Is-Sur Apap ħass li kien fid-dmir li jgħid li hu qatt ma stenna dawn in-nuqqasijiet u t-traskuraġni mis-Sur Vella wara l-eloġju li kien għamillu fis-sena 2011 li hu kien qiegħed jaqdi dmiru ferm aħjar minn ta' qablu tant li kien imbotta biex is-Sur Vella jingħata 9%, għax rah jagħmel l-impenn u l-almu tiegħu u għalhekk il-Kunsill kien qabel fuq dak l-ammont Is-Sur Apap qal li biex ikun sinċier u mingħajr kantunieri, ma kienx jaf x'inhu jiġri għax li kieku kien jaf kien iwaqqfu. Qatt m'għamlu traskurat u negliġenti u staqsa lis-Sur Vella jekk kienx sejjer żbaljat. Is-Sur Apap staqsa lis-Sur Vella biex jagħti spjega u dan ċerta *issues* li ssemmew ġew diskussi b'*emails* solvuti jew iċċarati. Għalhekk, il-Kunsillier Lorry Apap ippropona li jingħata 6% u mhux aktar u s-Sur Horace Micallef qal li hu dejjem kien sab għajnuna mingħand is-Sur Vella u kull meta talbu xi ħaġa dejjem għenu iżda minħabba dawn in-nuqqasijiet li ma kienx jaf bihom u li sar jaf bihom għall-ewwel darba minn Laqgħat preċedenti, is-Sur Micallef ippropona li jingħata 6.5%. Għalhekk it-tlett membri tal-Kunsill qablu li jingħata 6% u s-Sindku baqa' jsostni 5%.

7.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba raġunijiet familjari u għalhekk il-Performace Bonus tiegħu għandu jiġi diskuss fil-laqgħa ta' wara. Il-Kunsill qabel.

## 8. <u>Għoti tal-Offerti</u>

8.1 Rigward is-Sejħa għall-Offerti għall-Installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajiċi, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li din ingħatat lill-kumpanija Solar Engineering, dan wara li hu kien iċċekkja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mad-Dipartiment tal-Kuntratti li qalulu li jekk id-Dokument tas-Sejħa kien għadu validu, jista' jingħata l-Offerta u jagħmel il-*Performance Guarantee*. Il-kumpaniji l-oħra ġew infurmati u għandhom ċans sat-2 t'April 2012 biex ikunu jistgħu jappellaw. Is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm xi appelli, jkun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt ma' din il-kumpanija.

8.2 Sejħa għall-Offerti *Reconstruction of footpath at Triq ta' Mulejja, Fontana*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva 5 Offerti: Nicky Saliba (€5,740.46); Tarcisio Xerri (€5,075.00); Bugeja Bros Ltd. (€4,410.05); Joseph Portelli (€4,396.84); Peter Paul Said (€3,827.01). Il-Perit John Saliba kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa fejn ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport tiegħu fejn qal li l-istima li ta s-Sur Peter Paul Said hija

irħas mill-istima li kien għamel hu fit-12 ta' Settembru 2009 li kienet tammonta għal €4,468.90. Is-Sindku qal li qabel tiġi deċiża din l-offerta favur il-kumpanija ta' Peter Paul Said, jeħtieġ li qabel ilesti ix-xogħol marbut mal-bini tat-tieni fażi taċ-Ċentru Civiku.

8.3 Sejħa għall-Offerti *To supply non-slip texture local hardstone floor tiles for external use for the publicly accessible roof to the Fontana Local Council Offices*. L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien irċieva 2 Offerti: A.F. Ellis (€10,587.50); Gozo Concrete Product Ltd. (€14,455.00). L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li hu għadda kopja tal-Offerti milqugħa lil Perit Gordon Vella biex ikun jista' jagħmel l-aġġudikazzjoni tiegħu, iżda sal-lum, għadu ma bagħatx ir-rapport tal-offerti. Is-Sindku qal li hu ġie nfurmat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li ta' Gozo Concrete Products Limited kienu ġabru il-kampjun li kienu tefgħu mal-offerta u ssottometta kampjuni oħra, differenti mill-ewwel wieħed. Qal ukoll li dawn l-affarijiet mhumiex aċċettabli.

## 9. Mistoqsijiet

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet f'din il-laqgħa.

## 10. Approvazzjoni ta' Kontijiet

10.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa.

10.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li rċivejna *Bank Statement* mingħand il-BOV biex jinfurmaw li kienet saret transaction ta' €72.00 biex ġiet imġedda l-garanzija tan-niċċa.

10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li konna irċivejna *Statement* mingħand il-Malta Directories biex il-Kunsill ikun imniżżel fl-edizzjoni l-ġdida tal-Malta Business Directories. Qal ukoll li kien sar ftehim ma' rappreżentanti ta' din il-kumpanija fis-17 ta' Mejju 2011 u għalhekk il-Kunsill issa irid iħallas l-ammont ta' €110.00. Il-Kunsill qabel.

## 11. Mozzjonijiet

11.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 12. Materji Oħra

12.1 Is-Sindku nforma lill-Membri li wara l-aħħar Laqgħa tal-Kunsill li saret fis-6 ta' Marzu 2012, wara li ġew approvati l-Minuti tal-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Laqgħat pendenti, dawn ġew aġġornati kollha fuq il-website tal-Kunsill.

12.2 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv qed jippruvaw jagħmlu laqgħha ma' Dr. Petra Bianchi, Direttur tal-Ambjent, MEPA, rigward il-proġett tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi u ssuġġerixxa li nkellmu lis-Sur Stephen Cachia. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Method Statement* jagħmel riferenza għas-Sur Cachia. Għalhekk il-Perit John Saliba li kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa qal li ser jistaqsi lis-Sur Cachia jekk jaċċettax biex jissorvelja dan ix-xogħol. Il-Viċi-Sindku qal li meta tkun ser issir din il-laqgħa ma' Dr. Bianchi ninfurmawh għax jixtieq li jkun preżenti. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa jekk għandniex inkellmu lill-Kunsill Lokali tal-Munxar biex jingħaqdu mal-Kunsill Lokali tal-Fontana u jnaddfu l-parti tal-Wied li taqa' fil-konfini tagħhom. Is-Sindku qal li l-għajnuna tal-fondi mill-iskema ta' Eko-Għawdex kienet biss għall-parti fil-konfini tal-Fontana u li l-Kunsill Lokali tal-Munxar m'għandux il-fondi biex iwettaq dan il-proġett.

12.3 Is-Sindku nforma lill-Membri li l-Kunsill ma rnexxilniex insibu madum għat-taraġ li hemm mal-*Belvedere* fi Triq ta' Mulejja biex iżommu merfugħ jekk ikun hemm xi madum li jkollu bżonn jinbidel.

12.4 Is-Sindku qal li fix-xahar ta' Marzu, il-Kunsill qabbad lis-Sur Joseph Saliba biex jiżbogħ il-kliem li hemm minqux fl-irħama fil-*Playing Field* peress li dan m'għadux jidher minħabba x-xemx, dan għar-raġuni li s-Sur Raymond Bonello baqa' ma wettawx dan ix-xogħol.

12.5 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li hu flimkien mal-Inġinier Mario Galea kienu għamlu żjara fi Pjazza l-Għejjun biex dan ikun jista' jara x'dawl jeħtieġ li jsir fl-Għajn tal-Loġoġ. Qal ukoll li flimkien mal-istess Inġinier is-Sur Galea kellhom laqgħa fuq il-post mas-Sur Chris Gauci biex jiġi mmarkat fejn ser issir il-bozza l-ġdida fi Triq Mons. Mikiel Buttiġieg.

12.6 Is-Sur Tony Borg, Viċi-Sindku, nforma lill-Membri tal-Kunsill li għadha kemm għalqet is-sejħa għall-offerti tat-tieni fażi tat-Triq tax-Xlendi li ser issir mill-Ministeru għal Għawdex.

12.7 Is-Sindku nforma li ġew imħawla aktar minn ħamsin xitla tal-*istella maris* ħdejn il-*Bring in Sites* fi Triq ta' Mulejja u ħdejn ir-*railing* l'isfel mill-knisja kif ukoll diversi xtieli tas-sukkulenti fil-qsari tat-toroq John Gaspard Le Merchant u Krd. Alessandro Franchi.

12.8 Is-Sindku qal li hu kien attenda għall-aħħar tislima li ngħatat lill-President Emeritus Ċensu Tabone li saret fil-*Banca Giuratale* u wkoll għaċ-ċerimonja tat-tberik ta' qabel id-difna li saret min


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Mons. Isqof Mario Grech quddiem il-monument ta' Kristu Re fi Pjazza Indipendenza.

12.9 Is-Sindku nforma lill-Membri li saret il-ħarġa soċjo kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex ghar-residenti tal-Fontana fejn saret quddiesa mill-Kappillan Joseph Bajada f'Villa San Lawrenz, residenza għall-anzjani. Wara kien offrut cafe u snack, kif wkoll saret taħdida lil dawk preżenti mis-Sur Joe Bonnici. Wara, il-ħarġa kompliet bi żjara fil-kappella medjavali ta' Santa Ċeċilja f'Għajnsielem. Hawnhekk ingħata tagħrif dwar din il-kappella mis-Sur Giovanni Zammit, rappreżentant tal-Għaqda Wirt Għawdex. Il-ħarġa ġiet fi tmiemha bi żjara fl-inħawi tar-Ramla bejn ix-Xaghra u n-Nadur. Attendew 35 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Victor Cefai. Qal ukoll li nhar it-3 ta' April 2012 ser issir Ħarġa f'Malta fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa u għandna norganizzaw oħra għall-bidu ta' Mejju 2012. Il-Kunsill qabel.

12.10 Is-Sindku qal li hu kien attenda għal laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-*Banca Giuratale.*

12.11 Is-Sindku qal li jeħtieġ li nqabbdu lill-ħaddiem tal-Kunsill biex jagħmel ftit siment taħt il-bankina ta' Karmena Said li toqgħod fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsill qabel.

12.12 Is-Sur Horace Micallef reġa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward it-tappiera li hemm quddiem id-daħla tal-*Fontanella Gardens* fi Triq il-Kappillan Ħili.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-30 ta' April 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555